# Anniversarji

Mario Caruana

Dawn il-ġrajjiet f'din il-kitba, u li l-anniversarji tagħhom jaħbtu matul din is-sena, huma biss għażla żgħira minn fost ħafna li seħħew fl-imgħoddi u li, flimkien ma' oħrajn, sawru l-istorja ta' din il-belt u tal-parroċċa.

*Din is-sena jaħbat ...*

## 425 sena mill-Viżta Pastorali mill-Isqof Gargallo (1594)

Fit-28 ta' Awwissu 1594, l-Isqof Tumas Gargallo għamel l-ewwel Viżta Pastorali tiegħu fl-Isla, li kienet ilha parroċċa għal 13-il sena biss. Kien żmien it-tieni kappillan, Dun Vinċenz Caruana. Ir-relazzjoni ta' din il-Viżta turi li kien hemm rabta qawwija mal-parroċċa kemm mill-kappillan kif ukoll mill-komunità Sengleana. Saru iżda xi twissijiet, l-aktar peress li kien għadu żmien fil-bidu, u kien għad hemm xi nuqqasijiet. Imma jsir tifħir għall-knejjes tal-Isla dwar l-indafa u t-twettiq tal-liturġija.

Fl-istess sena, il-kappillan Caruana beda l-bini ta' ċimiterju żgħir maġenb il-knisja, għad-dfin ta' dawk li jmutu kaġun ta' xi flaġell, jew mard li jittieħed. Hawnhekk ukoll inbniet kappella f'ġieħ Santu Rokku, protettur kontra l-pesta. Dan iċ-ċimiterju kien eżatt maġenb il-knisja fejn aktar tard inbena l-Oratorju tal-Kandlora.

## 375 sena minn żewġ imwiet u pussess ta' kappillan (1644)

Nhar it-18 ta' April 1644, l-Isla tilfet ir-raba' kappillan, Dun Mark Anton Ciappara, fl-eta ta' 50 sena, wara li kien ilu kappillan għal tmien snin. Għall-għerf tiegħu, kien għamel żmien jagħmilha ta' Vigarju Ġenerali tal-Isqof Mikiel Balaguer. Fi żmienu, filwaqt li l-ħidma pastorali mis-saċerdoti, l-għaqdiet u l-fratellanzi baqgħet assidwa, huwa ddedika ħafna minn saħħtu għat-tkabbir tal-knisja taħt it-treġija tal-arkitett Tumas Dingli.

Aktar tard fis-sena, wara konkors li għalih resqu 19-il saċerdot, inħatar kappillan Dun Duminku Attard, li kien kappillan ta' Ħal Lija. Hu ħa l-pussess fil-bidu ta' Diċembru ta' dik is-sena. Ħabrek għat-tkomplija tat-tkabbir tal-knisja u saħaq fuq it-tagħlim. Fi żmienu, l-parroċċa kibret fin-numru u saret l-akbar parroċċa tal-kleru djoċesan u saħansitra, fi żmienu kellha popolazzjoni akbar mill-popolazzjoni ta' Għawdex kollu f'daqqa.

Fl-ewwel jum tal-parrokat kien mexxa l-funeral ta' Mastru Nardu De Maria, kaptan ta' xini tal-ordni ta' San Ġwann. Dan kien benefattur kbir tal-knisja, u saħansitra, wara l-wasla providenzjali tal-istatwa tal-Bambina, waqqaf artal quddiem din ix-xbieha tal-Madonna u ddotah b'kulma kien meħtieġ. Hu miet fl-età ta' 56 sena u ġie midfun fil-knisja stess.

## 325 sena mill-bidu tal-Parrokat ta' Dun Mikiel Testaferrata (1694)

Fil-21 ta' Mejju 1694, beda fl-Isla l-parrokat tal-11-il kappillan, Dun Mikiel Testaferrata. Minnu kien mistenni li jagħti stabbilità lill-parroċċa wara li l-parrokati ta' qablu kienu xi ftit imqallba. Fl-età ta' 64 sena, malajr ħass il-piż tat-tmexxija u, effettivament, mexxa l-parroċċa għal sitt snin biss. Wara, għadilli żamm it-titlu ta' kappillan, il-parroċċa tmexxiet mill-viċijiet li kellu.

Fit-30 ta' Mejju 1694, ġimgħa biss wara l-pussess ta' Testaferrata, l-Isqof Davide Cocco Palmieri, għamel Viżta Pastorali fl-Isla. Din saret 8 snin biss wara oħra li kienet saret mill-Isqof, u għalhekk, ir-relazzjoni ta' din il-Viżta, ma tagħti ebda tagħrif ġdid dwar il-parroċċa. Iżda ta' interess huwa li ġie rrakomandat li l-artal dedikat lil San Karlu Borromeo, u li fuqu kien hemm ukoll devozzjoni qawwija lejn Sant'Anna, jiġi dedikat lill-Assunzjoni ta' Marija Santissima, titular li fl-imgħoddi kien ġa eżistenti.

**225 mill-proġett tal-Ospizio Sant'Anna (1794)**

L-Isla tas-sekli 17 u 18, kienet belt b'għadd ta' familji għonja u ta' statura fis-soċjetà. Waħda minn dawn kienet il-familja ta' Nikola Dingli u martu Maddalena Cornelio. Din il-koppja, iżda, kellhom l-isfortuna li t-tliet ulied li kellhom, kollha mietu qasir il-għomor. Huma għalhekk ħasbu biex bħala patrimonju tagħhom, id-dar kbira li kellhom fix-xatt tal-Isla, tinbidel f'ospizju għal nisa invalidi, u li l-ġid kollu tagħhom, imur għall-benefiċċju ta' din il-fondazzjoni.

Għalhekk, fl-1794, wara rikors lil Gran Mastru De Rohan tat-28 ta' Frar, u wara testment li għamlu fix-xahar ta' wara, huma waqqfu dan l-ospizju. Huma riedu wkoll li l-amministrazzjoni tiegħu tkun f'idejn il-Fratellanza tal-Kurċifiss. Skont it-testment u l-kitba tal-kuntratt, il-proġett beda jitwettaq wara l-mewt ta' Nikola fit-8 ta' Awwissu 1809 u ta' Maddalena fl-4 ta' Marzu 1814.

**150 sena minn meta nqata' d-dfin mill-knisja (1869)**

Fis-sena 1869, il-Gvern għadda liġi li biha ġie pprojbit id-dfin fil-knejjes tal-ibliet, ħlief għall-kappillani tal-istess parroċċi. Fl-istess żmien, ingħata bidu għall-bini taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, dak iż-żmien, fil-limiti ta' Ħal Tarxien.

B'riżultat ta' dan, il-parroċċa tal-Isla, ingħatat medda mdaqqsa ta' art f'dan iċ-ċimiterju, fejn tħaffru bosta oqbra, kemm għall-użu tal-parroċċa, kif ukoll għad-dfin tal-membri tal-fratellanzi. Din hija dik il-qatgħa art magħrufa bħala z-'Zuntier tal-Isla'. Minbarra dan, xi fratellanzi oħra ngħataw meded ta' art, hekk ngħidu aħna, il-Fratellanza tal-Kurċifiss, li sa dak iż-żmien kienet tidfen lill-mejtin tagħha fil-kannierja tal-Oratorju tal-Kurċifiss.

**100 sena minn meta saret it-talba għall-Inkurunazzjoni tal-Bambina (1919)**

Id-devozzjoni lejn ix-xbieha ta' Marija Bambina kienet ilha tikber fl-Isla sa mill-wasla providenzjali tagħha fl-1618. Din kibret aktar wara l-ħelsien tal-Isla mill-pesta tal-1813, u sal-bidu tas-seklu l-ieħor, laħqet l-aqwa tagħha. Tant hu hekk li b'mod regolari bdew isiru talbiet lill-Awtoritajiet tal-Kurja f'Malta ħalli titressaq supplika lill-Vatikan għall-inkurunazzjoni tal-Bambina.

Imma mbagħad faqqgħet l-ewwel gwerra u waqaf kollox. Meta f'Novembru 1918, il-gwerra ntemmet, din ix-xewqa, li fil-fatt qatt ma ntfiet, reġgħet xegħlet u, matul is-sena 1919 saret aktar qawwija u insistenti, b'mod li ngabru dettalji biex kien possibbli li fil-bidu tas-sena ta' wara, issir talba formali lill-Vatikan. Eventwalment, ir-reskritt tal-Inkurunazzjoni ħareġ fl-1 ta' Mejju 1920.

**75 sena minn meta ingħata bidu ġdid wara l-gwerra (1944)**

Is-sea 1944 rat il-bidu tal-ħidma mill-ġdid wara l-gwerra. Fis-6 ta' Marzu, b'digriet tal-Kurja u fuq talba tal-Kapitlu, il-funzjonijiet kollha tal-parroċċa u l-Kolleġġjata ġew trasferiti għall-knisja ta' San Filippu, peress li l-Bażilika kienet meqruda bil-gwerra. B'hekk, għal 13-il sena, San Filippu ffunzjona bħala parroċċa.

Il-Ħadd, 9 ta' Lulju, wara li għal aktar minn tliet snin ir-Redentur kien miżmum għall-kenn fil-Kolleġġjata ta' Sant'Elena f'Birkirkara, huwa nġieb lura fl-Isla f'pellegrinaġġ ta' ringrazzjament. Dan il-pellegrinaġġ beda mill-parroċċa ta' Kristu Re, f'Raħal Ġdid, wara li hemmhekk kien sar tridu ta' ringrazzjament. Sa ma fis-sena 1947 reġá kien lest biex jintuża l-Oratorju tal-Kurċifiss, ix-xbieha ta' Ġesù Redentur, inżammet fil-knisja ta' San Ġiljan.

Fil-festa tal-Vitorja ta' dik is-sena, inġiebet fl-Isla ukoll minn Birkirkara, ix-xbieha ta' Marija Bambina fejn kienet reġgħet ittieħdet, wara l-purċissjoni storika tas-sena ta' qabel. Wara l-festa solenni ta' dik is-sena, il-Bambina tpoġġiet f'niċċa ppreparata għaliha fl-istess knisja ta' San Filippu. Matul dik is-sena, bdiet il-ħidma sfiqa biex jibda il-proġett diffiċli tar-rikostruzzjoni tal-Bażilika, billi bdew isiru l-kuntatti meħtieġa, u beda t-tindif tal-knisja mill-ġebel u t-terrapien, u t-twaqqigħ ta' partijiet perikolużi.